

## **Att ... tal-2024**

### **li jemenda l-Att LXVI tal-2022 dwar il-protezzjoni tal-oriġini ta' prodotti agrikoli**

#### **Artikolu 1**

Fl-Att LXVI tal-2022 dwar il-protezzjoni tal-oriġini ta' prodotti agrikoli (minn hawn 'il quddiem: Att dwar il-protezzjoni tal-oriġini), l-Artikolu 26/A li ġej jiddaħħal taħt is-subintestatura 12:

#### **“Artikolu 26/A**

(1) Bl-eċċeżżjoni prevista fil-paragrafu (2), l-indikazzjoni ġeografika protetta fuq l-imballaġġ ta' prodott agrikolu mqiegħed fis-suq fl-UE għall-ewwel darba fit-territorju tal-Ungerija u li jkollu l-isem tad-ditta jew it-trademark tal-kummerċjant stess tista' tidher biss jekk:

- a) l-isem u l-indirizz tal-operatur ekonomiku li jiproduċi l-prodott li jkollu l-indikazzjoni ġeografika jkunu indikati fuq l-imballaġġ tal-bejgħ finali;
- b) l-operatur ekonomiku li jiproduċi l-prodott li jkollu l-indikazzjoni ġeografika jkun intitolat jiddetermina d-dehra u l-isem tal-prodott agrikolu jew il-kontenut essenzjali tat-tikkettar tiegħu; u
- c) l-operatur ekonomiku li jiproduċi l-prodott agrikolu li jkollu l-indikazzjoni ġeografika jista' jbigħ il-prodott mingħajr restrizzjoni bi kwalunkwe mezz tal-għażla tiegħu stess.

(2) Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal:

- a) bejgħ minn impriżi li joperaw fis-setturi spċifikati fid-digriet li jimplimenta dan l-Att, jew
- b) prodotti agrikoli li jitqiegħdu fis-suq fi kwantitajiet li ma jaqbżux 1 000 unità ta' imballaġġ.”

#### **Artikolu 2**

Fl-Att dwar il-protezzjoni tal-oriġini, l-Artikolu 32(3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“(3) Il-Ministru huwa awtorizzat jistabbilixxi permezz ta' digriet

- a) regoli li jirregolaw il-kompeti mwettqa mill-korpi ta' ġestjoni u l-operat ta' dawk il-korpi ta' ġestjoni, u
- b) il-kamp ta' applikazzjoni tal-impriżi skont l-Artikolu 26/A(2)(a).”

#### **Artikolu 3**

L-Artikolu 33/B li ġej jiddaħħal taħt is-subintestatura 18/A tal-Att dwar il-protezzjoni tal-oriġini:

#### **“Artikolu 33/B**

Prodotti agrikoli li tqiegħdu fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2025 u li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 26/A, li ġew stabbiliti mill-Att ... tal-2024 li jemenda l-Att

LXVI tal-2022 dwar il-protezzjoni tal-oriġini ta' prodotti agrikoli (minn hawn 'il quddiem: l-Att ... tal-2024), jista' jibqqa' fis-suq wara l-1 ta' Lulju 2025."

#### **Artikolu 4**

L-Artikolu 34/A li ġej jiddaħħal taħt is-subintestatura 19 tal-Att dwar il-protezzjoni tal-oriġini:

##### **"Artikolu 34/A**

L-abbozzi tal-Artikolu 26/A, l-Artikolu 32 (3) u l-Artikolu 33/B, kif stabbiliti mill-Att ... tal-2024, ġew innotifikati minn qabel, kif stipulat fl-Artikoli 5–7 tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-ġhoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika."

#### **Artikolu 5**

Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħħ fl-1 ta' Lulju 2025.

#### **Artikolu 6**

Ir-rekwiżit għan-notifika minn qabel ta' dan l-abbozz ta' Att, kif stipulat fl-Artikoli 5–7 tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-ġhoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, ġie sodisfatt.